**14 ta' Mejju, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Pier Paolo Rampazzo

## Dazju – Evażjoni – Żbark u Ħabi ta' Oġġetti – Konfiska

*Il-kunċett ta' evażjoni ta' dazju mhux ristrett għall-importazzjonijiet li jsiru għall-fini tal-kummerċ u anqas ma hu l-kunċett marbut ma' l-entità jew il-kwantità ta' l-oġġetti impurtati.*

*Għall-finijiet ta' l-artikolu 61(b) tal-Kap. 60 mhux meħtieġ li l-oġġett joħroġ mill-area doganali; huwa biżżejjed li dana jiġi żbarkat.*

*Il-kunċett ta' ħabi ma jinkludix dak kollu li ma jidhirx għax mhux dak kollu li mhux immedjatament viżibbli hu neċessarjament moħbi. Il-kunċett ta' ħabi jmur oltre u jinvolvi xi intervent li bih l-oġġett mhux biss jitneħħa mill-viżwali iżda jitpoġġa b'mod u f'post li jekk tfittxu ma ssibux mill-ewwel: fi kliem ieħor, ikun tpoġġa hemmhekk biex proprju ma jinstabx jew ikun diffiċli li jinstab.*

*Fl-artikolu 65(1) tal-Kap. 60 il-leġislatur qed jirreferi mhux għall-każ ta' tentattiv ta' evażjoni ta' dazju iżda għall-każi fejn l-evażjoni tkun irnexxiet.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni magħmula mill-Pulizija kontra Pier Paolo Rampazzo, fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, talli fit-13 ta' Frar, 1987, meta wasal Malta bil-vapur *M.V. Boccaccio* bil-karrozza *Fiat Iveco Reg. No. VR 740542,* bil-ħsieb li jevadi d-dazju naqas li jiddikjara lill-uffiċjali tad-Dwana l-oġġetti murija fin-nota ta' Qbid numru 4/87 hawnhekk mehmuża u talli għamel użu mill-istess karrozza għall-ġarr tagħhom valur totali Lm2538.79,0 dazju totali Lm1293.59,0 li l-importazzjoni tagħhom hi ristretta u d-dazju fuqhom ma ġiex imħallas jew ikkawtelat bi ksur ta' l-artikolu 17, l-artikolu 60(a)(ċ), l-artikolu 61(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k)(m) u l-artikolu 65(1) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 60, ta' l-Edizzjoni Riveduta;

Rat il-*"letter to prosecute"* tal-Kontrollur tad-Dwana;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tat-2 ta' April, 1987, li biha wara li ddikjarat li l-oġġetti *de quo* ma kinux *'concealed'* għall-fini ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 60, u għalhekk l-istess artikolu ma kienx applikabbli u wara li ddikjarat dwar l-artikolu 61(a) li jitkellem dwar oġġetti *"the importation of which is restricted"* li jirriżulta li l-imputat ipprova jdaħħal l-ispagetti li ma setax idaħħalhom f'dik il-kwantità u li l-istess azzjoni ta' l-imputat kisret ukoll l-artikolu 61(b)(h)(i) ikkundannatu għall-multa ta' ħamest elef ħames mija u ħamsa u sittin lira u erba' u sebgħin ċenteżmu (Lm5.565.74,0) oltre ġurnata priġunerija u ordnat il-konfiska ta' l-oġġetti riferiti fl-aħħar paragrafu tas-sentenza;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat Pier Paolo Rampazzo li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja tagħha u tirrevokaha fil-parti kundannatorja tagħha u konsegwentement tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-liġi;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat ħati taħt l-artikolu 61(a)(b)(h) u (i) tal-Kap. 60 u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' Lm5565.74,0 u ġurnata priġunerija u ordnat il-konfiska ta' l-oġġetti kollha konfiskabbli, tirrevokaha, tħassarha u tannnullaha fil-bqija u minflok issib l-istess Pier Paolo Rampazzo ħati wkoll taħt l-artikolu 60(a)(ċ) u 61(ċ)(f)(g)(k) u

(m) u tordna wkoll il-konfiska tal-karrozza *caravan Fiat Iveco* numru VR 740542 skond l-artikolu 65(1) tal-Kap. 60;

Rat l-atti kollha li huma rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi hu opportun li l-ewwel jiġi kkunsidrat u deċiż l-appell ta' l-imputat;

Fl-ewwel lok l-imputat appellant qed jissottometti li l-ewwel Qorti ma għamlitx valutazzjoni korretta tad-dikjarazzjoni tiegħu in kwantu hu ma naqasx milli jiddikjara x'kellu. L-aġir tiegħu ma kienx dak ta' min qiegħed jipprova jimporta illegalment u klandestinament. L-aġir tiegħu kien dak ta' min ħaseb li ma hemmx restrizzjoni fil-kwantità li jista' jġib u mitlub jiddikjara x'għandu oġġetti hu wera x'għandu; jekk l-awtoritajiet doganali jidhrilhom li qabel ma jottjeni l-liċenzja relattivi ma jistax jiżbarkhom, jibqgħu fil-kustodja tad-dwana, jew jekk il-liċenzja ma tistax tingħata jiġu rritornati lura minn fejn ikunu ġew;

Oltre dan l-appellant Rampazzo ssottometta li għalhekk il-konċett ta' importazzjoni illegali hija eskluża u illi diffiċilment wieħed jista' jimmaġina li hu ried bi ħsieb li jagħmel negozju jimporta illegalment għaġin, jekk il-valur totali ta' dan l-għaġin huwa ta' Lm226. L-istess jingħad għal 68 flixkun *Campari* u tmintax-il flixkun *Whisky;*

Għal mument il-Qorti ser tissofferma ruħha fuq dawn l-aggravji;

Fl-ewwel lok jiġi osservat li l-kunċett ta' evażjoni ta' dazju mhux ristrett għall-importazzjonijiet li jsiru għall-fini tal-kummerċ. Infatti l-każijiet ta' evażjoni ta' dazju fuq oġġetti importati għall-użu personali huma mhux biss koperti mil-liġi iżda wkoll kominissimi. Iktar u iktar il-kunċett ta' evażjoni ta' dazju mhux marbut mal-kwantità jew entità ta' l-oġġett/i importat/i. Infatti evażjoni ta' dazju tista' tkun fuq oġġett wieħed biss. Dan qed jingħad *tanto per* għaliex għalkemm l-appellant donnu ried jagħti x'jifhiehem li l-oġġetti misjuba kienu ftit u mhux għan-negozju din il-Qorti tħoss li nofs tunnellata *'pasta'* mhux ftit (anki jekk Lm226 valur u Lm49.10 jidhru ftit), 240 landa *pomodori pelati* wkoll mhux ammont normali li wieħed iġib miegħu kif lanqas m'hu normali n-numru ta' flixken ta' *Campari* u *Whisky* anki jekk mhux eċċessiv. Dak li hu eċċessiv *invece* u jikkontradiċi ħafna t-teżi ta' l-appellant huwa 'l hekk imsejjaħ kampjonarju li dwarhom mhux biss ma kienx konsistenti iżda anqas ma ġie kkonfortat bix-xiehda ta' terzi;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant Rampazzo qed jikkontendi li hu mill-ewwel iddikjara li kellu *"viveri a maglie"*. Il-fizzjal Iacono però ma jgħidx hekk; jgħid *invece* illi l-appellant iddikjaralu t-*T.V. Grunding* u preċiżament *"un pò di pasta"* u kien wara li beda t-tfittix li żied id-dikjarazzjoni ta' l-oġġetti li kellu. Però anki hawn ipprova jnaqqas mill-entità tal-kampjonarju kif ukoll ta' l-għaġin. Infatti dejjem skond x-xhud Iacono, iddikjaralu *"circa due cento kili di spaghetti"* meta fil-fatt kellu nofs tunnellata ċjoè aktar mid-doppju; iddikjaralu kaxxa *Campari* meta kellu kaxx oħra u ddikjaralu *"quella borsa di camicie da disco"* li fil-fatt diġà kienet instabet u evita milli jiddikjaralu l-kumplament tal-kampjonarju;

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tħossx li tista' tagħti affidament lill-appellant Rampazzo u hu l-konvinċiment ta' din il-Qorti *li l-istess appellant sempliċement addotta tattika li biha* jiddikjara xi ħaġa żgħira bl-isperanza li f'dak il-ħin tal-lejl jiġi emmnut u l-fizzjal ma joqgħodx iqalleb "*camper*" sħiħ liema tattika però fallietlu;

L-appellant issottometta wkoll li l-fizzjal Iacono ħadu fuq demm id-dars u kien pinjolo miegħu. Fil-fatt din il-Qorti tara li x-xhud Iacono pprova jagħmel id-dover tiegħu mentri l-appellant ipprova jgħaddih biż-żmien u jagħmel l-affarijiet diffiċli sa l-aħħar mument. Dwar l-uffiċjali tad-Dwana f'dal-każ anzi din il-Qorti tagħmilha ċara li apparti mill-onestà u rettezza tagħhom urew ukoll paċenzja ma' min evidentement kien qed ikun diffiċli;

Rigward l-aggravji għalhekk din il-Qorti ma tarax fondatezza fihom;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant issottometta wkoll li l-artikolu 61(b) tal-Kap. 60 m'hux applikabbli in kwantu l-iżbark mill-vapur "*Boccaccio*" tal-*Camper* ma ħariġx mill-*area* doganali skond il-liġi;

*Din il-Qorti però ma* taqbilx. Dan l-artikolu jitkellem fuq "*unships, or assists or is otherwise concerned in the unshipping of any goods.....*" u mhux fuq ir-rimozzjoni oltre l-konfini tal-moll. F'dal-każ '*unshipping*' kien hemm diġà;

Anki dan l-aggravju għalhekk jirriżulta infondat;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant issottometta wkoll li l-artikoli 61(h) u (i) ta' l-Ordinanza ma humiex applikabbli għall-każ għax l-element ta' xjenza bil-ħsieb li jiffroda jew li jinħarab xi dazju huwa manifestament assenti in konnessjoni mal-*"viveri"* li kellu fil-*camper;*

Din il-Qorti però ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni. Anki pjuttost jidher ċarissimu mill-provi illi dak li għamel l-imputat ma kienx riżultat ta' xi injoranza tal-liġijiet ta' pajjiżna jew ta' xi żball ġenwin iżda biss l-effett dirett ta' intenzjoni li jibqa' għaddej mingħajr ma jħallas dazju fuq tista' tgħid kollox;

L-appellant issottometta wkoll li ma kellu ebda ħsieb li ma jħallasx dazju fuq l-ilbies jew li jimportahom kontra l-liġi;

F'dan ir-rigward din il-Qorti diġà qalet li xejn ma tara ġenwinità fl-aġir ta' l-appellant anzi tintravviża inkonsistenza fil-verżjoni tiegħu dwar dawn l-oġġetti. Kieku *si trattava* ta' kampjonarju żgħir u ġenwin kieku forsi kulħadd kien jagħlaq għajnejh però trattandosi ta' tista' tgħid sitt mitt biċċa li minnhom jidher ċar li l-imputat fl-ebda ħin ma ddikjarahom kollha jew almenu b'mod ġenerali suffiċjenti din il-Qorti ma tistax tagħtih raġun fl-aggravju tiegħu;

Fl-aħħarnett l-appellant ilmenta wkoll li akkużawh fuq affarijiet żgħar bħal *alarm clock* eċċ. Fil-fatt dan apparti milli din il-Qorti ma tindaħalx fid-diskrezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Pulizija x'akkużi jagħtu u fuq x'hiex, wara kollox fuq dawn l-affarijiet żgħar l-appellant ġie lliberat u għalhekk l-ilment tiegħu issa ma jinteressax lil din il-Qorti;

L-appell ta' l-imputat għalhekk ser jiġi respint;

Ser jiġi kkunsidrat issa l-appell ta' l-Avukat Ġenerali;

L-aggravju ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali hu fis-sens li l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet ħażin meta lliberat lill-imputat mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 60 u minn diversi paragrafi ta' l-artikolu 61 ta' l-istess Ordinanza u meta naqset li tordna l-konfiska tal-karrozza *caravan* a tenur ta' l-artikolu 65(1) ta' l-istess Ordinanza. Illi huwa evidenti li kemm l-għaġin kif ukoll l-ispirti u xejn inqas it-*T-Shirts* (speċjalment dawk moħbija fis-saqqu ta' l-irqad) kienu effettivament "moħbija" b'tali mod proprju biex iqarrqu lil tad-Dawna; fil-fatt, issottometta l-Avukat Ġenerali, kif stqarr l-uffiċjal Iacono, kieku ma kienx għall-fatt li wieħed beda jfittex fejn normalment wieħed ma jistenniex li jsib oġġetti, bħal per eżempju fit-*toilet* u wara u taħt iċ-ċilindru tal-gass, kieku l-oġġetti ma kinux jinstabu. L-oġġetti kollha li ma ddikjarax l-imputat kienu effettivament moħbija għall-finijiet u effett kollha ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 60;

Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant Avukat Ġenerali f'din is-sottomissjoni tiegħu. Bniedem bħall-imputat li ser isiefer b'camper u fih irid ipoġġi diversi oġġetti għandu normalment żewġ xelti u fil-fatt ikollu jirrikorri għat-tnejn għax l-ispazju ma jippermettix. L-ewwel xelta hi li ċerti oġġetti jħallihom fejn jidhru u t-tieni hi li l-oħrajn jerfagħhom u jistorjahom. Dan ma jfissirx però li għax oġġett ikun merfugħ jew storjat ikun ukoll moħbi kif tassattivament jirrikjedi l-artikolu 17 imsemmi. Il-kunċett ta' ħabi fil-fehma ta' din il-Qorti ma jinkludix dak kollu li ma jidhirx għax mhux dak kollu li mhux immedjatament viżibbli hu neċessarjament moħbi. Dak li persuna jista' jkollha fil-kexxun, jew addirittura fil-but fil-kors normali ma jkunx jidher imma

ma jfissirx li jkun moħbi. Il-kunċett ta' ħabi jmur oltre u ċjoè jinvolvi xi intervent li bih l-oġġett mhux biss jitneħħa mill-viżwali iżda jitpoġġa b'mod u f'post li jekk tfittxu mhux issibu mill-ewwel imma trid tagħmel riċerka sħiħa, anzi tasal għall-konklużjoni li dak l-oġġett tpoġġa fejn tpoġġa biex proprju ma jinstabx jew ikun diffiċli li jinstab. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-kliem fl-istess artikolu 17 u ċjoè li jkun hemm il-ħsieb *"to deceive the customs officer"* ikompli jsaħħaħ l-interpretazzjoni li din il-Qorti qed tagħti lill-kunċett u l-kelma "ħabi" fis-sens u limiti ta' l-artikolu 17 imsemmi. Dwar il-ftit ħwejjeġ li kien hemm fis-saqqu din il-Qorti hi tal-fehma li dan il-fatt ikkunsidrat fl-assjem ta' l-oġġetti l-oħra li kien hemm fil-*camper* m'hux biżżejjed biex jiġi konkluż li kien hemm ħabi fil-veru sens ta' l-artikolu 17. Jidher infatti li dawn il-ħwejjeġ ma kienx hemm raġuni speċjali għala kellhom ikunu mrekkna għalihom waħedhom għax ma kinux xi ħaġa kbira jew speċjali u għalhekk hu indikat li jingħata l-benefiċċju tad-dubju lill-appellant;

L-Avukt Ġenerali lmenta wkoll li kellha tinstab ħtija wkoll fir-rigward tal-paragrafi (a) u (ċ) ta' l-artikolu 60 u l-paragrafi (ċ)(f)(g)(k)(m) ta' l-artikolu 61. L-appellant spjega li dan kien qed jingħad għaliex dawn l-artikoli u paragrafi ma ssemmewx espressament fil-paragrafu disposittiv u kundannatorju tas-sentenza;

Fil-fatt hu minnu li s-sentenza appellata ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tispeċifikax jekk sabitx lill-imputat ħati taħt il-paragrafi msemmija jew illiberatux. Però hu evidenti mill-istess korp tas-sentenza li għalkemm dawn il-paragrafi ma ġewx espressament iċċitati fil-parti dispositiva tas-sentenza l-ewwel Qorti kienet qed issibu ħati taħthom. Fil-fatt anki mill-istess rikors ta' l-appell ta' l-istess imputat, jidher li hu stess fehem hekk.

Din il-Qorti għalhekk qed tirrimedja għal dan id-difett billi taħgmel speċifika riferenza għall-istess paragrafi u ċjoè l-paragrafi (a) u (ċ) ta' l-art. 60 u (ċ), (f)(g)(k) u (m) ta' l-art. 61 tal-Kap. 60;

Fl-aħħarnett l-Avukat Ġenerali ssottometta bħala aggravju ulterjuri li l-Ewwel Qorti kellha tordna l-konfiska tal-*caravan* a tenur ta' l-artikolu 65(1) tal-Kap. 60. L-Avukat Ġenerali f'dan ir-rigward issottometta illi dan l-artikolu ġie emendat bl-Att XIII ta' l-1979 fis-sens li l-kliem, *"liable to forfeiture"* ġew sostitwiti bil-kelma *"forfeiture"*. Ma hemmx dubju kompla jissottometti, li dan il-*caravan* kien vettura jew mezz ta' ġarr li sar użu xjenti minnu fl-importazzjoni u l-iżbark ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma kienx imħallas u li ġew taħt l-Ordinanza tad-Dwana soġġetti għall-konfiska. Il-fatt li ma ġietx ordnata dina l-konfiska jfisser li l-Qorti ma applikatx il-piena korretta skond il-liġi, skond l-appellant Avukat Ġenerali;

Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq dan l-aggravju u waslet għall-konklużjoni li meta fl-artikolu 65(1) il-liġi tgħid: "sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu taħt din l-Ordinanza, soġġetti għal konfiska....." mhix qed tgħid fl-importazzjoni jew fl-iżbark jew fit-twarrib jew fil-ġarr separatament iżda qed teħodhom kumulattivament bħala proċess sħiħ ta' evażjoni ta' dazju. Ifisser dan li għalkemm tkun saret l-importazzjoni u anki l-iżbark jekk ma jkunx sar it-twarrib jew il-ġarr ma jistax jiġi applikat l-artikolu 65(1) ċjoè ma tistax issir konfiska taħt dak l-artikolu. It-*test* Ingliż hu forsi aktar indikattiv speċjalment meta wieħed jikkunsidra kif huma inseriti l-*virgoli* u ċjoè: *"knowingly made use of in the importation, landing removal or conveyance....."*;

Dan hu l-uniku mod loġiku li bih dan l-artikolu jista' jiġi interpretat; altrimenti kieku, per eżempju, l-importazzjoni jew l-iżbark hija alternattiva waħedha u distinta, kieku appena tnizzlet merkanija b'vettura mill-vapur trid tiġi kkonfiskata għax l-istess tkun żdazjata. Hawn il-leġislatur qed jirreferi mhux għall-każ ta' tentattiv ta' evażjoni ta' dazju iżda għall-każi fejn l-evażjoni tkun irnexxiet;

M'hemm xejn aktar x'jiġi kkunsidrat u għalhekk għal dawn il-motivi kollha tiddisponi mill-appelli billi salv dak li ngħad dwar l-inserzjoni tal-paragrafi mill-artikolu 60 u 61 li omettiet l-ewwel Qorti tiċħad kemm l-appell ta' l-imputat Rampazzo kif ukoll dak ta' l-Avukat Ġenerali u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. Kwantu għall-ġurnata priġunerija inflitta mill-ewwel Qorti din il-Qorti tirreferi lill-awtoritajiet tal-Ħabs Ċivili għad-disposti tal-Proklama ta' l-E.T. il-President tar-Repubblika tad-29 ta' Jannar, 1987.